MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 72/2018 LM

**Middlesea Insurance plc (C5553) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Josephine Austen (K.I. 16222A) sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Josephine Austen**
*(l-appellanta)*

***vs.***

1. **Gasan Mamo Insurance Ltd; u**
2. **Angus Camenzuli**

*(l-appellati)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti s-soċjetà **Middlesea Insurance plc** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] minn lodo arbitrali numru

M4210/2014 mogħti fil-24 ta' Mejju, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"], mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, li permezz tiegħu ddeċieda kif ġej:

*"Tenut kont ta' dak kollu li ntqal l-arbitru sottoskritt qed jiddeċiedi:*

A. *Li jillibera lis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu ma kinitx hi s-soċjetà assiguratriċi li tkopri lill-intimat iżda s-soċjetà Melita Unipol;*

B. *Jiddikjara lill-intimat Angus Camenzuli, s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KAE0934, huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Awwissu, 2014, fil-Gżira, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ496 misjuqa minn u proprjetà tar-rikorrenti Josephine Austen u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAE932 misjuqa minn Angus Camenzuli;*

C. *Jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' elfejn tmien mija u erbatax-il Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€2,814.61), in kwantu għas-somma ta' elfejn ħames mija erbgħa u għoxrin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€2,524.61) imħallsin mis-soċjetà assiguratriċi Middlesea Insurance plc u s-somma ta' mitejn u disgħin Euro (€290) rappreżentanti l-*excess *imħallas mir-rikorrenti Josephine Austen;*

D. *Jikkundanna lill-intimat Angus Camenzuli iħallas d-danni hekk likwidati;*

E. *Jikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż, inklużi dawk legali u ġudizzjarji inklużi dawk tas-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-arbitraġġ u ċioé 26 ta' Novembru, 2014."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw inċident tat-traffiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ f'Triq D'Argens, Gżira, fil-21 ta' Awwissu, 2014, għall-ħabta tad-9:45 ta' filgħaxija bejn il-vettura numru ta' reġistrazzjoni

JBJ496 misjuqa u proprjetà tal-appellanti Josephine Austen, u l-vettura numru ta' reġistrazzjoni KAE934 misjuqa mill-appellat Angus Camenzuli.

**Mertu**

3. L-appellanti intavolaw proċeduri fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta permezz tal-preżentata ta' Avviż u Talba fis-26 ta' Novembru, 2014, għall-ħlas tas-somma pretiża ta' €2,814.61 (elfejn tmien mija u erbatax-il Euro u wieħed u sittin ċenteżmu) jew kull somma oħra verjuri, u dan flimkien mal-ispejjeż legali u ġudizzjarji, u l-imgħaxijiet legali.

4. Is-soċjetà appellata **Gasan Mamo Insurance Ltd** laqgħet għat-talba billi eċċepiet li dakinhar tal-inċident il-vettura KAE934 ma kinitx assigurata magħha u għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Il-Lodo Arbitrali**

5. L-Arbitru wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"17. Dwar jekk l-intimat kienx kopert mill-assikurazzjoni, jiġi rilevat illi l-Warden 147 Ronnie Azzopardi jgħid li l-<u>vettura KAE-934 kienet misjuqa minn ċertu Clayton Gatt, u assigurata ma' GasanMamo tramite Thomas Smith, b'polza numru 213710006979.</u> Jispjega li d-dettalji ikun ġabhom minn fuq il-post. Huwa evidenti li d-dettalji dwar l-isem kienu żbaljati.*

*Kif xehed Stephen Cachia, Administrator ma' Transport Malta, l-vettura KAE-934 fid-data imsemmija kienet reġistrata fuq Charles Paul Vella ID232890M, u*

> *assigurata ma' Thomas Smith Insurance Agency Ltd, dejjem bin-numru tal-polza 213710006979. Vella jgħid li kien ffirma l-*log book *biex jittrasferixxi l-vettura fuq waħda mara, però tali trasferiment ma kienx ġie ffirmat. Jidher li l-vettura ma kinitx għadha assigurata ma' GasanMamo Insurance iżda kienet assigurata ma' Melita Unipol. Fiċ-ċirkostanzi ma jirriżultax li s-soċjetà GasanMamo Insurance għandha twieġeb għad-danni li kkawża l-intimat."*

## **L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Ġunju, 2018, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tvarja d-deċiżjoni appellata billi:

> *"... filwaqt illi tikkonferma s-sejbien ta' responsabbiltà da parti ta' Angus Camenzuli; il-likwidazzjoni ta' danni li saret; u l-kundanna fir-rigward ta' Angus Camenzuli, tvarja dik il-parti tad-deċiżjoni fejn is-soċjetà GasanMamo Insurance Ltd ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju u tiddikjara illi l-istess GasanMamo Insurance Ltd hija responsabbli* in solidum *ma' Angus Camenzuli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni hekk kif likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż ta-żewġ istanzi kontra l-appellati."*

7. L-appellanta tissottometti li l-aggravju tagħha huwa l-vizzju fid-deċiżjoni tal-Arbitru stante li dan iddeċieda li fil-ħin tal-inċident l-assiguratur ikkonċernat fir-rigward tal-vettura ma kinitx is-soċjetà GasanMamo Insurance Ltd.

**Ir-Risposta tal-Appell**

8. Is-soċjetà appellata wieġbet billi ssottomettiet li hija mhijiex qiegħda topponi għat-talba tas-soċjetà appellanta, b'dana però li m'għandhiex tbati l-ispejjeż relatati mal-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. L-aggravju ewlieni tas-soċjetà appellanta jirrigwarda d-dikjarazzjoni tal-Arbitru fil-lodo arbitrali li s-soċjetà appellata ma kinitx l-assiguratur ikkonċernat fir-rigward tal-vettura fil-ħin li seħħ l-inċident. Tissottometti li ġaladarba s-soċjetà appellata kienet ikkontestat ir-responsabbilità tagħha għall-akkadut, L-Arbitru kellu jikkonsidra dak li jipprovdu għalih ir-Regolamenti dwar il-Fond Għall-Protezzjoni u Kumpens. Is-soċjetà appellanta filwaqt li tagħmel riferiment għar-Regolament 24, tikkontendi li l-Arbitru kellu jistabbilixxi min kien l-assiguratur konċernat dakinhar tal-inċident u jekk l-argument tas-soċjetà appellata li hija ma kinitx l-assiguratur konċernat kellux jintlaqa'. Tirrileva li l-Arbitru kkunsidra biss ix-xhieda ta' Charles Paul Vella li kien l-assigurat tas-soċjetà appellata, fejn ikkontenda li fil-mument tal-inċident huwa ma kienx għadu s-sid tal-vettura għaliex kien iffirma l-*log book* biex isir it-trasferiment fuq terza persuna, iżda tali trasferiment ma kienx ġie ffirmat. Imma l-Arbitru mhux biss qal li l-vettura ma kinitx għadha assigurata mas-soċjetà appellata, iżda qal ukoll li din kienet assigurata ma' Melita Unipol, meta dan ma jirriżulta minn ebda dokument, u saħansitra kien biss sussegwenti għall-inċident fil-25 ta' Awwissu, 2014, li nħarġet polza ta'

assikurazzjoni minn din il-kumpannija. Imbagħad skond ix-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, dakinhar tal-inċident il-vettura kienet għadha reġistrata fuq Charles Paul Vella u l-assiguratriċi kienet Thomas Smith Insurance Agency Ltd, aġenta tas-soċjetà appellata. Il-*warden* 147 Ronnie Azzopardi waqt l-istess seduta kkonferma dan ukoll. Għalhekk kien jirriżulta li minkejja dak li xehed Charles Paul Vella, it-trasferiment ma kienx sar kif rikjest mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fejn il-*log book* jiġi ffirmat kemm mill-bejjiegħ kif ukoll mix-xerrej, filwaqt li tingħata kopja tal-assigurazzjoni l-ġdida tax-xerrej tal-vettura. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-assigurazzjoni preċedenti tibqa' tgħodd fir-rigward ta' danni kkawżati lil terzi sakemm tiġi fis-seħħ polza ġdida. Għalhekk kienet proprju s-soċjetà appellata li fil-mument tal-inċident kienet l-assiguratur tal-appellat *ai termini* tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens.

10. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata twieġeb billi tiddikjara li hija mhijiex qiegħda topponi għat-talba magħmula permezz tal-appell odjern, iżda hija ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-imsemmi appell. Tissottometti li inizjalment hija kienet taħt l-impressjoni li l-polza ta' assigurazzjoni maħruġa minnha kienet ġiet superata b'polza ta' assigurazzjoni oħra maħruġa minn Melita Unipol, iżda rriżulta mill-provi li skont il-Kap. 104 kienet hija li kellha tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mit-*third party*. Issa kien jidher li l-Arbitru kien żbaljat meta minkejja x-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, iddeċieda li s-soċjetà appellata ma kinitx responsabbli għad-danni sofferti, iżda hija min-naħa tagħha ma kienet bl-ebda

mod ikkontribwiet għall-konklużjoni żbaljata u għalhekk ma kellhiex tbati spejjeż.

11. Din il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba s-soċjetà appellata mhijiex qiegħda topponi għat-talba tas-soċjetà appellanta, hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu. B'dan però li fejn is-soċjetà appellata qiegħda topponi għal kull responsabbilità fir-rigward tal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tgħid li kienet is-soċjetà appellata li żvijjat lill-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu meta fir-risposta tagħha qalet *"...dakinhar tal-inċident, il-vettura KAE934 ma kinitx għadha assigurata magħha, kemm għaliex din il-vettura kienet laħqet inbiegħet mill-assigurat oriġinali kif ukoll għaliex kienet inħarġet polza ta' assigurazzjoni ġdida minn Melita Unipol."* Barra minn hekk ma jirriżultax lil din il-Qorti li s-soċjetà appellata għamlet indaġini sew tal-każ u b'hekk ittentat issewwi l-iżball tagħha waqt il-proċeduri quddiem il-Arbitru sabiex jiġi evitat l-appell odjern.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanti billi tilqgħu u filwaqt li tikkonferma s-sejbien tar-responsabbilità ta' Angus Camenzuli għall-inċident u tikkonferma wkoll il-likwidazzjoni tad-danni riżultanti u l-kundanna tal-imsemmi Angus Camenzuli għall-ħlas tal-istess danni, tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġiet illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju s-soċjetà appellata u tiddikjara li din hija**

**responsabbli *in solidum* ma' Angus Camenzuli sabiex tagħmel tajjeb għad-danni hekk likwidati.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Arbitru u ta' dan l-appell, jitħallsu mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**